MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 1508/2005

**Maltacom p.l.c. u wara digriet tas-6 ta' Dicembru 2007 isem "Maltacom p.l.c." jinbidel ghal "GO p.l.c." C22334**

**Vs**

**Alex Sciortino ID : 548177(M) u Enemalta Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2005 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tlieta u hamsin Liri Maltin u sitt centezmu (LM153.06) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat mill-konvenuti kkagunati lil propjeta` ta' l-istess socjeta` mittenti fuq hsarat ta' cables fit-Triq St. Anthony, Bugibba fl-4 ta' Frar 2005 (GT3/2005/3 Inv. 18346) skond kopja tieghu hawn anness mmarkat Dok A. Illi l-konvenut gie

nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza. Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut Alex Sciortino tat-2 ta' Awissu, 2005 fejn gie eccepit illi (1) l-eccipjenti Alex Sciortiono mhu responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu dedotti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, (2) illi l-eccipjenti Alex Sciortino ma jistax jigi kkundannat ghal xi hlas lis-socjeta` attrici fil-kawza odjerna, (3) illi s-socjeta` attrici trid taghti prova tad-danni minnha allegatament sofferti, (4) illi f'kull kaz il-quantum ta' danni reklamati huwa eccessiv u ezagerat.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta Korporazzjoni Enemalta ta` l-10 ta' Awissu 2005 fejn gie eccepit illi (1) preliminarjament il-Korporazzjoni Enemalta m'hiex il-legittimu kontradittur stante illi x-xogholijiet in kwistjoni, gew esegwiti minn kuntrattur indipendenti skond kuntratt hawn anness u mmarkat Dok 'Ene 1' liema kuntratt (u senjatament klawsola 10) jipprovdi li danni li jistghu jirrizultaw mix-xogholijiet in kwistjoni huma interament u unikament responsabbilita` tal-kuntrattur u ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, (2) subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ha konjizzjoni ta' l-atti kollha, sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri, ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas kif dedott fl-Avviz peress illi tallega illi hija sofriet hsarat fil-cables taghha fi Triq Sant Antnin k/m Triq ir-Rebbiegha, San Pawl il-Bahar u dan fi Frar tas-sena 2005 waqt illi l-konvenut Alex Sciortino, mqabbad mill-ko-konvenut Korporazzjoni EneMalta, kien qed jezegwissi xi xogholijiet.[1]

B'zieda ma' dan, jidher illi s-socjeta` attrici ma kienitx mitluba taghti l-permess ghax-xogholijiet u lanqas intalbet timmarka jew tassisti fuq il-post sabiex taghti informazzjoni dwar minn fejn kienu ghaddejjin il-cables taghha.[2] In kontro-ezami,[3] ighid illi meta l-EneMalta tkun ser tezegwixxi xi xogholijiet, jikkomunikaw mieghu personalment kemm l-EneMalta u kif ukoll il-kuntrattur. Jikkonferma illi f'dan il-kaz hadd, la l-EneMalta u lanqas il-kuntrattur ma kellmuh, u ma kellu ebda talba biex isiru xi marki.

Illi r-rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra sar fl-4 ta' Frar 2005 u dan skond ix-xhieda ta' Vincent Camilleri.[4] In kontro-ezami,[5] Vincent Camilleri ighid illi l-ewwel rapport ikun dahal il-lines u mbghad ir-rapport ghadda ghandu fl-4 ta' Frar. Jghid illi l-cable kien biswit il-pole li tpogga u jispjega illi l-cable milqut kien jaffettwa 100 linja tat-telefon.

Illi l-ammont mitlub fl-Avviz jirrappresenta in kwantu ghal Lm92.21 spejjes ta' materjal, Lm37.50 labour cost u Lm23.35 VAT.[6]

Illi ghall-ammont mitlub is-socjeta` attrici harget fattura numru 18346 fl-20 ta' April 2005 li baqghet ma thallsitx.[7]

Illi mir-rapport tal-Pulizija[8] stess jidher illi l-hsara giet rapportata fl-4 ta' Frar pero` illi l-konvenut Sciortino lill-

[1] Vide Affidavit Dr Keith Grech (fol 31)
[2] Vide Affidavit Victor Busuttil (fol 32)
[3] 7ta' Dicembru 2006
[4] Vide Affidavit a fol 33
[5] 7ta' Dicembru 2006
[6] Vide Affidavit Ing. Alice Zammit a fol 34
[7] Vide Affidavit Michelle Bonnett a fol 35
[8] fol 39 - 41

istess Pulizija mill-ewwel gharrafhom illi huwa kien ilu gimghat illi hadem hemmek – u di fatti rrifjuta illi jiffirma dikjarazzjoni ta' responsabbilita`. L-ufficcjal investigattiv jinnota fuq ir-rapport illi rega` kellem lill-konvenut Sciortino darba ohra u kkonferma l-verzjoni. Dan huwa ukoll kkonfermat minn PS 496 Godwin Borg.

Illi l-konvenut Alex Sciortino minn naha tieghu qal illi xogholu huwa *pole erector* u f'dan il-kaz kien mar mal-*foreman* ta' l-EneMalta Pierre Cuachi li mmarkalu fejn l-istess EneMalta riedet l-arblu, u wara illi jiffirmawlu l-karti, huwa jezegwixxi x-xogholijiet. Jghid illi huwa pogga l-arblu fejn gie lilu ndikat. Jikkonferma illi kien madwar hmistax jew tlett gimghat wara illi lesta x-xoghol (li ma jiehux aktar minn gurnata) illi rcieva telefonata mill-Pulizija dwar allegat hsarat. Jghid illi meta mar fuq il-post kien sab hofra kbira li ma ghamilx hu izda kienu ghamlu l-Maltacom biex jibdew isewwu. Jikkonferma ukoll illi apparti l-marka tal-EneMalta, ma kellux marki ohra ma' l-art qabel ma hadem.

Xehed Pierre Cauchi li kkonferma illi l-kuntratt li jirregola x-xoghol tas-*sub-contractor* ta' l-EneMalta ghat-twahhil tal-*poles* huwa dak esebit a fol 11 tal-process. Jghid illi r-responsabbilita` tal-*markings* hija tieghu, imma din ma tinkludix il-*markings* ghal dak li jkun ghaddej minn taht l-art. Jghid illi huwa l-kuntrattur illi ghandu japplika biex jimmarkawlu minn fejn ghaddejjin il-cables. In kontro-ezami[9] jesebixxi DOK PC 1 li turi illi l-EneMalta ordnat ix-xoghol minn ghand Alex Sciortino fit-12 ta' Jannar 2005. B'dana kollu ma setghax jikkonferma meta saru x-xogholijiet, pero` ighid ukoll illi sakemm mar jiccertifika x-xogholijiet, hadd ma kien irraportalu illi kien hemm xi hsarat.

Meta rega' kompla l-kontro-ezami tieghu, Pierrre Cauchi[10] spjega illi minn verifiki li kien ghamel irrizultalu illi x-xoghol minn Alex Sciortino sar f'xi data bejn it-12 ta' Jannar u t-

[9] 19 ta' Frar 2007
[10] 11 ta' Dicembru 2007

28 ta’ Jannar. Jikkonferma ukoll illi l-EneMalta ma talbitx lil Maltacom sabiex taghmel xi marki.

Ikkunsidra ulterjorment :

Il-konvenut Alex Sciortino dejjem stqarr illi l-hsara ma kinitx rizultat ta’ eghmilu u li huwa kien lesta x-xogholijiet madwar gimghatejn qabel ir-rapport fuq il-hsara. Dan sostnieh kemm mal-Pulizija u kif ukoll quddiem dan it-Tribunal.

Izda f’proceduri bhal dawn, il-prova tas-socjeta` attrici kienet tabbasta fuq livell ta’ probabilita`. Ma ngiebet ebda prova illi ghajr ghax-xogholijiet maghmula mill-konvenut Sciortino, saru xi xogholijiet ohra fl-istess zminijiet minn haddiehor fuq l-istess sit. It-Tribunal jidhirlu illi huwa korrett jikkonkludi illi ghalkemm il-hsarat gew rapportati tard, pero` fin-nuqqas ta’ prova illi saru xogholijiet ohra minn haddiehor bejn il-gurnata li lesta Sciortino sad-data tar-rapport, allura fuq livell ta’ probabbilita` jista` jikkonkludi illi l-hsara hija konsegwenza tax-xogholijiet ta’ l-istess Alex Sciortino.

Illi dwar minn mill-konvenuti huwa responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta` attrici, ossia jekk hux il-konvenut Korporazzjoni EneMalta jew il-konvenut Alex Sciortino, it-Tribunal jistrieh fuq il-kuntratt bejn iz-zewg ko-konvenuti li jinsab a fol 10 *et seq* u partikolarment l-Artikolu 10 tieghu. Ma jidhrix illi ghandu jkun disputat, ai termini ta’ l-istess kuntratt, illi r-responsabbilita` taqa` u tinkombi fuq il-kuntrattur, f’dan il-kaz, Alex Sciortino. Fuq kollox ma jirrizultax illi l-istess kuntrattur talab lis-socjeta` attrici timmarkalu jekk humiex ghaddejjin cables qabel ma ta bidu ghax-xoghjolijiet minnhu maghmula.

Il-hsieb tal-ftehim u l-obbligazzjoniiet naxxenti minn tali ftehim, apparti milli x-xogholijiet ma jsirux bl-ghagla u bl-addocc, huwa illi jkunu salvagwardjati is-servizzi kollha li jistghu jkunu ghaddejjin mit-toroq qabel ma jsiru x-xogholijiet. Dan mhux biss biex jkunu evitati kull hsarat, izda ukoll sabiex is-servizzi illi huma moghtija lis-*subscribers* ta’ azjendi bhal ma huma s-socjeta` attrici ma

jkunux interrotti minhabba hsarat kagunati waqt xogholijiet fit-toroq.

Fid-dawl ta’ dan il-konsiderazzjonijiet ghalhekk illi it-Tribunal isib illi l-azzjoni attrici ghandha tirnexxi fil-konfront tal-konvenut Alex Sciortino.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara illi sema` x-xhieda kollha prodotti, ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u sema` t-trattazzjonijiet ta’ l-abbli difensuri, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Korporazzjoni EneMalta, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alex Sciortino u jilqa` t-talba attrici fil-konfront appuntu ta’ l-istess Alex Sciortino wahdu billi tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tlett mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€356.53) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz.

Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz u bl-ispejjes kontra l-konvenut Alex Sciortino, salv ghal dawk relattivi ghall-Korporazzjoni konvenuta EneMalta li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------